SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**L-EWWEL LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU WIEĦED**

**20 ta' Lulju, 2010**

Il-Membri Eletti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Ġwann li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fis-5.45 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

It-Tabib Frank Bartolo u s-Sinjuri Peter Calleja, Alfred Mangion u Robert Vella Bonnici.

**SKUŻATA**

Is-Snj. Janet Barthet.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

It-Tabib Frank Bartolo ppresjeda.

## 1.1 Ħatra ta' *Chairperson*

1.1.1 It-Tabib Frank Bartolo aċċetta l-kariga tiegħu bħala *Chairperson*, u dan skont il-provedimenti tal-Liġi billi għadda l-ittra ta' aċċettazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv.

1.1.2 Iċ-*Chairperson* feraħ lil Membri kollha eletti u ta rendikont tal-objettivi li għandu jkollu l-Kumitat u dan fir-rispett tal-prijoritajiet li għandha bżonn il-Kappara kif ukoll saħaq dwar l-unita' bejn il-Membri tal-Kumitat.

1.1.3 Ħabbar ukoll li l-laqgħat tal-Kumitat se jibdew isiru kull tieni Tlieta tax-xahar.

1.1.4 Għalaq l-intervent tiegħu billi saħaq fuq il-ħidma effettiva li jrid ikollu l-Kumitat filwaqt li awgura wkoll il-ħidma t-tajba lis-Segretarju Eżekuttiv u rringrazzjah tal-koperazzjoni murija s'issa.

1.1.5 Il-Membru Robert Vella Bonnici appoġja l-objettivi msemmija miċ-*Chairperson* għal ġid tal-komunita' tal-Kappara u awgura wkoll lil Membri l-oħra tal-Kumitat u lis-Segretarju Eżekuttiv.

1.1.6 Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja liċ-*Chairperson* u lil Membri tal-kummenti favorevoli tagħhom u assigura lil Kumitat bil-kollaborazzjoni sħiħa tiegħu sabiex tirnexxi l-ħidma tal-Kumitat.

## 1.2 Ħatra ta' Viċi *Chairperson*

1.2.1 Is-Sur Peter Calleja aċċetta l-kariga tiegħu bħala Viċi *Chairperson*, u dan skont il-provedimenti tal-Liġi billi għadda l-ittra ta' aċċettazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv.

1.2.2 Il-Viċi *Chairperson* saħaq ukoll fuq il-ħtieġa li l-Kumitat jaħdem favur inizjattivi u proġetti meħtieġa fil-Kappara.

## 1.3 Kommunikazzjoni miċ-*Chairperson*

1.3.1 Il-Kumitat kien infurmat li l-allokazzjoni għal 2010 se tkun ta' €81,811.50.

1.3.2 Il-Kumitat qabel unanimament li jsiru *letterheads* u *visiting cards* għal Membri.

1.3.3 Il-Kumitat qabel unanimament li jipparteċipa fl-Iskema Lokalitajiet Indaf, fejn il-Membru Alfred Mangion kien inkarigat iħejji programm ta' attivitajiet.

1.3.4 Iċ-*Chairperson* ħabbar li l-Viċi *Chairperson* se jkun responsabbli mill-proġetti u ndafa, il-Membru Robert Vella Bonnici bħala *laison* dwar l-aspetti finanzjarji fil-Kappara, il-Membru Alfred Mangion bħala *laison* dwar aspetti ta'

amministrazzjoni u il-Membru Janet Barthet bħala *laison* għar-relazzjonijiet pubbliċi fir-rigward ta' inizjattivi tal-Kumitat fil-Kappara.

1.3.5 Il-Kumitat qabel unanimament li jipparteċipa wkoll fl-Iskema dwar korsijiet taħt l-inizjattiva *Life Long Learning*.

1.3.6 Ingħatat informazzjoni dwar l-aċċessibilita' tal-Kumitat għal fondi sew lokali kif ukoll ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropeja, fejn kien hemm qbil li jibdew jinħasbu idejat għal dan il-għan kif ukoll li s-Segretajru Eżekuttiv jibgħat lil Membri kopja tal-Iskema tal-Gvern Ċentrali.

1.3.7 Il-Kumitat qabel li jippreżenta proġett skont il-kriterji tal-iskema għal proġetti u inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi, fejn il-Viċi *Chairperson* kien inkarigat iħejji proposta dwar l-*upgrading* ta' Ġnien Ġ. M. Camilleri,

## 1.4 Stat ta' Ndafa fil-Kappara

1.4.1 Il-Kumitat iddiskuta fit-tul l-istat ta' ndafa fil-Kappara, fejn kien espress l-importanza li l-kwalita' tas-servizz jitjieb u jkun hemm iktar effiċjenza.

1.4.2 Għal dan il-għan kien hemm qbil li jkun hemm laqgħat mal-kuntratturi responsabbli kif ukoll mal-*Contracts Manager*.

1.4.3 Il-Kumitat unanimament qabel li fir-rispett tal-ħruġ ta' offerti mill-Kunsill għas-servizzi tal-Ġbir ta' Skart Goff kif ukoll dak għal *Contract Management* dwar l-Indafa jkun parteċipi ma' dak tal-Kunsill.

## 1.5 Problemi relatati ma' l-operat taċ-*Chiswick House School*

1.5.1 Il-Kumitat iddiskuta fit-tul is-sitwazzjoni fir-rigward tad-diversi nkonvenjenti li ġġib magħha din l-iskola mibnija ġo żona residenzjali, fejn kien espress li mhux qed isir biżejjed sabiex ikunu protetti r-residenti tal-Kappara, anke mill-Pulizija.

1.5.2 Kien hemm qbil li jsiru laqgħat ma' *Transport Malta*, l-amministrazzjoni taċ-*Chiswick House School* u l-Assistent Kummissarju responsabbli mit-Traffiku.

## 1.6 Proposta ta' *grade seperated junction* fi Triq Mikiel Anton Vassalli (PA4917/09)

1.6.1 Il-Kumitat innota l-*Project Description Statement* u Pjanti anessi fir-rigward tal-proposta ta' *grade seperated junction* fi Triq Mikiel Anton Vassalli għall-applikazzjoni sottomessa lil MEPA bir-referenza PA4917/09.

1.6.2 Il-Kumitat, filwaqt li esprima n-nuqqas ta' approvazzjoni tiegħu għal proposta peress li se tolqot b'mod negattiv lil komunita' tal-Kappara, qabel li jagħmel kuntatt mal-kumitat tar-residenti nvoluti sabiex ikompli jsegwi dan il-każ.

**1.7 Programm ta' Ħidma għal Kappara**

1.7.1 Il-Kumitat qabel li jinbeda l-proċess sabiex il-Membri jifformulaw pjan ta' ħidma għal leġislatura tiegħu, li jkun jinkludi l-ħidmiet u proġetti ewlenin li se jkun qed jimmira għalihom.

1.7.2 Iċ-*Chairperson* għalaq il-laqgħa fi tmiem id-diskussjoni ta' dan l-aħħar *item* fuq l-aġenda fis-7.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum __ Awissu, 2010

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo | Adrian Mifsud |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |